SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 5311

Illum il-Ħamis, 14 ta' April 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-6.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Caroline Galea skużata minħabba mpenji ta' xogħol.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5211 li saret nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu 2011 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Xogħol ta' Major Patching*

Il-Kunsillier Joseph Bonello rrefera għal minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kif ser jipproċedi l-Kunsill fir-rigward tar-riżultat tat-testijiet li saru fuq ix-xogħol ta' *major patching* li sar dan l-aħħar. Is-Sindku qal li l-kuntrattur ser jagħmel it-testijiet hu ukoll qabel tittieħed deċiżjoni dwar x'irid isir.

### 1.1.2 *Rampa fi Pjazza 7 ta' Lulju*

Il-Kunsillier Joseph Bonello rrefera għar-rampa li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju u qal li hija mżersqa wisq. Is-Sinkdu qal li kien ser jgħid lil kuntrattur biex jagħmilha aktar irpużata.

## 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-17 ta' Marzu 2011 u l-4 ta' April 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 466/11/O – Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – Ħaddiema Assenjati mal-Kunsilli

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 352/11/I – Residenti – Petizzjoni għal talba ta' dawl ġdid fi Triq ir-Rand
- 365/11/I – MEUSAC – *Intelligent Energy Europe*
- 377/11/I – MEPA – UIF *statement of funds*
- 384/11/I – Transport Malta - Marki tat-toroq
- 391/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kostruzzjon ta' Latrina Pubblika
- 406/11/I – Resident – Wirja ta' karozzi antiki

- 463/11/I – Transport Malta – *Mini Cab Seminar*
- 465/11/I – Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 352/11/I, il-Kunsill qabel li tintalab l-approvazzjoni ta' l-Enemalta biex il-Kunsill ikun jista' jilqa' din it-talba għal dawl ġdid fi Triq ir-Rand.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 365/11/I il-Kunsill informa li s-Sur Paul Farrugia, Sindku ta' Ħal Tarxien u s-Sur Mario Salerno, Sindku ta' Ħal Kirkop ġew eletti biex jirrappreżentaw lil Kunsilli li wrew interess fil-programm ta' l-Unjoni Ewropea - *Intelligent Energy Europe*.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 377/11/I is-Sindku ppropona biex il-fondi li għandu l-Kunsill taħt l-*Urban Improvement Fund* jintużaw għal monument li qed iħejji l-Kunsill għall-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 384/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill biex isiru marki tat-toroq fi Triq il-Fuxa u Triq l-Anżalor. Is-Sindku qal li fil-fatt dawn il-marki tat-toroq diġa saru.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 391/11/O reġa estenda d-*deadline* għal kostruzzjoni tal-latrina pubblika sa l-aħħar tas-sena 2011.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 406/11/I il-Kunsill laqa' t-talba ta' resident li xtaq jorganizza wirja ta' karrozzi antiki f'Santa Luċija.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 463/11/I is-Sindku qal li kien lest jattendi għal *Mini Cab Seminar* li ser jiġi organizzat minn Transport Malta.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 465/11/I u 466/11/O is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qed jitlob lura lil ħaddiema assenjati mal-Kunsilli. Huwa qal li kien kiteb lil Ministeru bl-oġġezzjoni tiegħu għal din d-direttiva.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Joint Youth Project*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar inizjattiva ta' l-Unjoni Ewropea taħt l-organizzazjoni ALDA li qed ifittxu *partners* li għandhom rabtiet ma' bliet fiċ-Ċina biex flimkien jaħdmu fuq proġett ta' skambju ta' żgħażagħ. Huwa qal li qed jaħdem fuq din l-inizjattiva u ser iżomm il-Kunsill infurmat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward.

### 4.2 *Proposta ta' Ġemellaġġ mal-belt ta' Haibe fis-Slovakkja*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta li saritlu mill-E.T is-Sur Godwin Bencini li huwa l-Konslu ta' Malta għas-Slovakkja biex isir ġemellaġġ uffiċċjali bejn il-belt ta' Haibe fis-Slovakkja u l-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li r-relazzjoni tajba bejn dawn iż-żewġ lokalitajiet tmur lura għas-sena 2009 meta l-belt ta' Haibe laqgħat l-inizjattiva tal-Kunsill u rregalat skultura ta' l-injam li tirrappreżenta l-kultura ta' dan il-pajjiż biex titqiegħed fil-Ġnien ta' l-Iskultur li waqqaf il-Kunsill f'Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ż-żewġ lokalitajiet jistgħu jaħdmu flimkien fuq proġetti kulturali u artistiċi b'attenzjoni speċjali għaż-żgħażagħ u t-talenti tagħhom. Għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-proċeduri neċessarji biex iġib l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward ta' din il-proposta ta' ġemellaġġ.

### 4.3 *Stedina mill-Comune di Gabiano*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Comune di Gabiano kien bagħat stedina biex il-Kunsill jipparteċipa f'festival ta' l-inbid bl-isem ta' "Vino a Corte" li ser isir f'Gabiano bejn it-8 u 9 ta' Mejju 2011. Huwa qal li din l-inizjattiva kienet miftuħa għal-lokalitajiet internazzjonali li huma ġemellati ma' Gabiano u ser toffri opportunita' biex inbejjed Maltin jipparteċipaw f'dan il-festival.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din l-inizjattiva u l-fatt li s-Sindku ta' Gabiano flimkien ma' tlett membri tal-Kunsill għadhom kemm ipparteċipaw fil-festa ta' ġemellaġġi li saret Malta fil-11 u 12 ta' April 2011. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-istedina.

Is-Segaretarju Eżekuttiv qalet li fil-*budget* tal-Kunsill għal din is-sena ma kienx hemm fondi ivvutati għal safar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ma jieħux *subsistence allowance* ħalli l-ispiża tkun tinvolvi l-biljett ta' l-ajru biss.

## 4.4 *Laqgħa ma' rappreżentanti ta' organizzazzjoni tal-produtturi tal-fniek*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li talbet l-organizzazzjoni tal-produtturi tal-fniek biex tinforma l-Kunsill dwar proġett li għandhom fil-limiti ta' Raħal Ġdid ħdejn l-*area* marufa bħala ta' San Ġakbu. Is-Sindku qal li ser jitwaqqaf stabbiliment f'bini eżistenti li fih ser jinqatlu l-fniek u jiġi pproċessat il-laħam tal-fniek. Huwa qal li l-faċilitajiet li ser jintużaw f'dan il-proġett iridu jkunu kompatibbli ma' l-i*standards* ta' l-Unjoni Ewropea.

# 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

## 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3496 sa numru BOV3543 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2011 – CM52(01-02).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5111.

## 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Marzu 2011 Ammont *Gross* €7,282.94

## 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX Mar.11 | 72.36 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.-Mar.11 | 2061.50 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | Mar.11 | 507.73 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Mar.11 | 1191.08 |

## 6. *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS*

Il-Kunsill iddiskuta l-emendi li għamel l-awditur wara li ġie *audited* ir-rapport finanzjarju tal-Kunsill li jkopri s-sena 2010. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-accountant tal-Kunsill li ta spjegazzjoni ta' l-emendi li ressaq l-awditur. Il-Kunsill approva dawn l-emendi. L-accountant tal-Kunsill qal li b'dawn l-emendi s-*surplus for the year* minn €3950 telgħa għal €5754. Huwa qal li s-*surplus* fil-*balance sheet* baqa' l-istess għax l-*adjustments* offsettjaw lil xulxin. Fir-rigward tal-*finanacial statements* huwa qal li kien hemm bżonn biss ta' xi *cosmetic changes* u fir-rigward tal-*fixed assets* qal li dawn ser jiffinalizzahom fil-ġranet li ġejjin. Fil-kummenti tiegħu huwa kkonkluda li kien sodisfatt ħafna bl-andament finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2010.

## 7. PROĠETTI

### 7.1 *Proġett ta' Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-proġett tat-Tea Room fi Ġnien is-Serenita' ġie approvat mill-Mepa. Is-Sindku ppropona li jsir *meeting* tekniku mal-perit tal-Kunsill fuq dan il-proġett qabel il-Kunsill jipproċedi bil-pjanijiet tiegħu.

### 7.2 *Proġett ta' Latrina Pubblika*

Is-Sindku qal li l-proġett tal-latrina pubblika ġie estiż sa l-aħħar ta' din is-sena. Huwa qal li bħalissa l-perit tal-Kunsill qed tirrevedi d-dokumenti tat-*tender* biex ikunu jirriflettu biss il-kostruzzjoni ta' din il-latrina u mhux *turnkey* kif kienet ħarġet l-ewwel sejħa għal dan il-proġett, liema sejħa kellha tiġi rtirata minħabba li qabżet il-*budget* tal-Kunsill għal dan il-proġett.

### 7.3 *Sejħa għall-kwotazzjonijiet*

Saret referenza għal fondi li ser jirċievi l-Kunsill taħt l-iskema dwar proġetti ta' enerġija alternattiva u qal li l-Kunsill ser joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal xiri u twaħħil ta' erba' *floodlights* bl-LEDs fil-5-*a-side football pitch*. Huwa qal li din s-sejħa tagħlaq fit-18 ta' Mejju 2011.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum <u>il-Ħamis, 19 ta’ Mejju 2011</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**